MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali – REĠJUN NOFSINHAR

## **Laqgħa Numru 34 – 3 Kumitat**

**Il-Ħamis 16 ta' April, 2020**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| President tar-Reġjun | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Renald Falzon |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |
| Sindku Ħaż-Żebbuġ | Dr Malcolm Paul Galea |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Viċi Sindku Ħal Luqa | Is-Sur Kearon Bruno |
| Sindku Santa Luċija | Capt. Charmaine St John |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |
| Sindku Siġġiewi | Dr Kurstein Sant |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |

| | |
|---|---|
| Viċi Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Sindku Mqabba | Is-Sur Omar Farrugia |

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Il-President  is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 34.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

34.1.1 Il-President qara l-apoloġiji tas-Sindki tal-Ħamrun u tal-Imqabba fejn taw ir-raġunijiet għaliex ma setgħux ikunu preżenti u talbu li jkunu skużati.

34.1.2 Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

34.2.1 Il-President ressaq il-minuti tat-tlieta u tletin (33) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati  minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

34.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Johan Mula u ssekondata minn Capt. Charmaine St John, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-minuti msemmija.

## 34.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Ringrazzjament**

34.3.1 Il-President beda billi rringrazzja lill-membri preżenti talli għamlu sforz biex jiltaqgħu b'mod virtwali għal din l-ewwel Laqgħa Reġjonali li qed issir b'dan il-mod. Hu wera wkoll

apprezzament lejn l-istaff kollu tal-Kunsilli Lokali għax komplew għaddejjin bil-ħidma tagħhom minkejja l-isfidi kollha li ffaċċjaw f'dawn il-jiem tal-imxija tal-Covid-19.

**- Festa Nar 2020**

34.3.2 Il-President informa li fiċ-ċirkostanzi li jinsab għaddej minnhom il-pajjiż, ir-Reġjun ma kellux triq oħra ħlief li jipposponi l-attività ta' Festa Nar għal data oħra li għad trid tiġi mħabbra. Intlaħaq ftehim mal-għaqdiet tan-nar li kellhom jieħdu sehem biex huma jitħallsu nofs il-ħlas miftiehem magħhom minn issa peress li huma diġà xtraw il-materjal. Hu rrimarka li r-Reġjun se jkun qed jimxi pass pass mad-direzzjoni li se jkun qed jingħata mill-awtoritajiet. Wara jkun irid jintlaħaq ftehim mal-għaqdiet tan-nar biex tiġi stabbilita data ġdida. Sadanittant il-ħlasijiet lill-għaqdiet tan-nar kważi ħarġu kollha matul dawn il-jiem li għaddew.

**- Differiment tas-Seduti tat-Tribunal Lokali u xogħol mill-istaff tar-Reġjun**

34.3.3 Il-President ħabbar li sa issa għadhom mhux qed isiru seduti fit-Tribunal Lokali u dawn kollha qed jiġu differiti għal dati oħra. L-istaff ta' Reġjun Nofsinhar kif ukoll ta' Ċentru Leap li jokkupa s-sular t'isfel qed jaħdmu bil-bibien magħluqa. Ix-xogħol ta' amministrazzjoni marbut mat-Tribunal Lokali xorta għadu għaddej b'mod normali mill-istaff amministrattiv tar-Reġjun. L-istaff operattiv ukoll għadu għaddej bix-xogħol tiegħu ukoll u bħalissa qed iwettaq xogħol ta' manutenzjoni fis-Siġġiewi.

**- Skeda ta' Pagamenti lill-Kunsilli Lokali fuq Skemi, Inizjattivi u Proġetti**

34.3.5 Il-President faħħar lill-Kunsilli Lokali tar-Reġjun li qed jibagħtu l-irċevuti biex jiġu rimborsati minn spejjeż li ħarġu għal skemi, inizjattivi u proġetti mir-Reġjun. Fil-fatt matul dan ix-xahar ir-Reġjun ħallas xejn anqas minn 23,000 ewro lill-Kunsilli Lokali. Fost dawn hemm il-Kunsilli Lokali tal-Gudja, Ħal Qormi, Santa Luċija, Ħal Safi u Birżebbuġa. Hu ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex jiffinalizzaw il-ħlasijiet fuq l-iskemi, inizjattivi u proġetti li għandhom pendenti u jgħaddu l-irċevuti lir-Reġjun. Il-President irrimarka li qed iħares 'il quddiem biex hekk kif jerġa' jiġi kollox lura għan-normal, ir-Reġjun joħroġ inizjattivi, skemi u proġetti ġodda għall-ġid tal-komunitajiet tiegħu.

## 34.4 Skeda ta' Pagamenti;

34.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 04/20A-1 u 04/20B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

34.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Renald Falzon u ssekondata minn Dr Marija Sara Vella, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta' pagamenti msemmija.

## 34.5 Affarijiet Oħra;

**- Tkabbir tal-Uffiċċju Amministrattiv u Restawr tal-Faċċata**

34.5.1 Il-President informa bħalissa għaddej xogħol biex dokumenti li kien hemm maħżuna fis-sular ta' fuq jiġu stivati ġo kaxxi u mmarkati. Dawn iridu jiġu trasportati ġo maħżen ieħor li għandu d-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali. Ġaladarba jkun żgurat li m'għadx hemm dokumenti meqjusa ta' importanza, ikun jista' jibda x-xogħol ta' żbarazzar tal-kmamar u jinħarġu s-sejħiet pubbliċi għax-xogħlijiet u servizzi li hemm bżonn isiru. Dwar ir-restawr tal-faċċata tal-bini amministrattiv, il-President ħabbar li inħarġet l-applikazzjoni u hemm kopja tal-applikazzjoni mwaħħla mal-faċċata tal-uffiċċju. Il-perit inkarigat mir-Reġjun qed jikkoordina l-ħidma mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar din l-applikazzjoni.

## 34.6 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

34.6.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.41 pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 14 ta' Mejju 2020 fil-5.30 pm. Jekk ma jkunx hemm direzzjoni oħra, l-laqgħa terġa' ssir b'mod virtwali.

Konfermati llum ______________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Philip Carabott |
| President | Segretarju Eżekuttiv |